# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**8/18**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Santa Venera, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Preżenti ukoll:** Sinjura Romina Perici Ferrante – Accountant tal-Kunsill

**Skużat:**

Sur Stephen Sultana – Kunsillier

**Agenda: Financial Statements mill 1.1.2011 sal 31.3.2011 u l-Financial Statements mill 1.4.2011 sat 30.6.2011**

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-laqgħa illi ftit tal-ħin qabel kien irċieva telefonata mingħand il-Kunsillier fejn is-Sur Stephen Sultana informa li kien sejjer jasal xi 20 minuta tard peress li kien inqabad fuq ix-xogħol.

Is-Sindku qal illi dawn il-financial statements li diġa ntbgħatu għand il-Kunsillieri kollha ferm qabel din il-laqgħa juru qagħda finanzjarja tajba tal-Kunsill.

Is-Sindku stieden lill-accountant tal-Kunsill sabiex tispjega l-punti ewlenin ta' dawn l-istatements.

L-accountant qalet li l-financial statements għall-ewwel 3 xhur juru li l-financial situation indicator kienet ta' 15.59% filwaqt li għall-ewwel 6 xhur l-financial situation indicator kienet ta' 21.66%.

L-accountant qalet li l-Kunsill jinsab f'sitwazjoni finanzjarja tajba li fiha l-Kunsill jista jlaħħaq ma l-ispejjeż tiegħu kemm fuq posizjoni fil-qasir kif ukoll għall-żmien medju.

L-accountant wieġbet ukoll għall xi mistoqsijiet li sarula mill-Kunsillieri preżenti.

Finalment qalet li l-Kunsill kien dalwaqt jagħlaq l-kontijiet tiegħu għat-tlett xhur sat 30 ta Settembru, 2011 u b'hekk wieħed ikun jista' ikollu posizjoni attwali tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali Santa Venera.

Is-Sindku rringrazja lill accountant għall attendenza tagħha kif ukoll għat-tweġibiet lill-Kunsillieri.

Il-Kunsill qabel 'nem com' li dawn il-financial statements jiġu approvati kif preżentati u qabel li jiġu ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u jiġu preżentati formalment lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali skond il-proċeduri stabbiliti.

Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa b'urġenza ġiet kompletament eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa sine die.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |